MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tad-19 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 53/2008/1

**Mary Ann armla ta' Frank Attard, Janette mart Anthony Agius, Miguel Attard, Cornelia mart Paul Vella, Victoria mart Francis Bonello u Margaret mart Michael Hili**

**v.**

**Francis Mercieca, Salvina Mercieca, Kevin Mercieca u Cynthia mart Mario Camilleri**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

Dan huwa appell ad istanza tar-rikorrenti li permezz tiegħu qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fit-28 ta' April 2009, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati.

Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħdha tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti;

"Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin isostnu li l-konvenuti dahlu f'porzjon art (kejl ta' cirka 195 metru kwadru) mit-territorju maghruf bhala Ta' Taqsis, fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex li kien inxtara minn Francis u Mary Ann konjugi Attard fl-14 ta' Gunju 1973, u mmolestaw lill-atturi fil-pussess li jgawdu. Ghalhekk talbu li l-qorti tiddikjara li l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi molestja skond l-Artikolu 534 tal-Kodici Civili, u sabiex fi zmien qasir u perentorju l-konvenuti jigu kundannati jergghu jaghtu l-pussess ta' l-art lill-atturi u jpoggu kollox kif kien, u fin-nuqqas tordna li x-xoghol isir mill-atturi ghas-spejjez tal-konvenuti u taht is-supervizjoni ta' perit inkarigat mill-qorti.

"Permezz ta' risposta guramentata prezentata fit-8 ta' Lulju 2008 (fol. 17) il-konvenuti eccepew li:

"1. It-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt kif ukoll fil-fatt.

"2. Illi fl-ewwel lok huwa sottomess li l-esponenti Kevin Mercieca u Cynthia mart Mario Camilleri m'huwiex legittimi kontraditturi f'din il-kawza in kwantu huma qatt ma okkupaw u qatt ma kellhom pretensjonijiet dwar l-art in kwistjoni.

"3. Illi, fil-mertu huwa wkoll kontestat li l-atturi qatt kienu fil-pussess ta' l-art in kwistjoni.

“4. Illi huwa wkoll ikkontestat li l-atturi ghandhom titlu fuq l-art okkupata mill-esponenti in kwistjoni.

“5. Illi fit-tielet lok, u nterment minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa sottomess li din l-art ilha okkupata mill-esponenti Francis u Salvina Mercieca sa mill-1974 bil-kunsens, barka u pjena konoxxenza tal-predecessur fit-titolu ta’ l-atturi stess, u cioe’ Francesco Attard li miet ricentement fis-7 ta’ Ottubru 2007. Dan kif se jigi dettaljatament ippruvat f’din il-kawza. Ghalhekk, fi kwalunkwe din il-kawza saret ferm oltre t-terminu ta’ sena provdut mill-ligi.

“6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess ukoll, huwa sottomess li din l-art giet fil-fatt akkwistata minn Francis Mercieca minghand l-imsemmi Francesco Attard stess permezz ta’ kuntratt tat-8 ta’ Gunju 1974 atti Nutar Joseph Spiteri u ghalhekk huwa kien u ghadu gustifikat li jokkupaha. L-istess Francesco Attard, li tieghu l-atturi huma eredi, iddikjara kemm–il darba, inkluz fi proceduri tal-Qorti u fl-atti ta’ applikazzjoni ta’ registrazzjoni mad-Dipartiment ta’ l-Artijiet maghmula mill-esponenti Francis u Salvina Mercieca, li l-art li kienet u ghadha okkupata mill-istess konvenuti hija dik li giet mibjugha lilhom mill-konvenuti bil-kuntratt imsemmi.

“7. Illi inoltre, fuq l-art in kwistjoni, Francis u Salvina konjugi Mercieca ghandhom certifikat ta’ titolu assolut rilaxxjat mir-Registru ta’ l-Artijiet bin-numru LRA 1797/06.

“Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti kollha.

“Ikkunsidrat:-

“1. Il-kawza li saret mill-atturi hi *actio manutenionis*. L-attrici Mary Ann hi mart il-mejjet Frank Attard, u l-atturi l-ohra huma werrieta tieghu. Il-kwistjoni qeghda dwar porzjon art li tinsab fi Triq ta’ Luvier fit-territorju Ta’ Taqsis, limiti tal-Munxar, Ghawdex. Il-konvenuti bdew jaghmlu zvilupp f’din il-porzjon art, u min-naha taghhom l-atturi ppremettew li dan it-territorju kien

inxtara mill-aventi kawza taghhom prmezz ta' kuntratt li sar fl-14 ta' Gunju 1973 fl-atti tan-nutar Dr Joseph Spiteri u liema territorju jsostnu li jinsab fil-pussess taghhom.

"Min-naha taghhom il-konvenuti jsostnu li l-porzjon art in kwistjoni kienet inxtrat mill-konvenuti Francis u Salvina konjugi Mercieca b'kuntratt tat-8 ta' Gunju 1974 fl-atti tan-nutar Dr Joseph Spiteri. F'dan il-kuntratt jinghad li Frank Attard qieghed ibiegh lil Francis Mercieca ***"....bicca art fabrikabbli mill-ghalqa ta' Taqsis, limiti tal-Munxar, ta' Ghawdex, tal-kejl ta' wiehed u ghoxrin pied faccata b'mija fond ta' forma rettangolari u tmiss mill-lvant ma' trieq proggettata bla isem, nofsinhar ma' gid tal-venditur u tramuntana ma' gid ta' Guza Galea, libra u franka."*** (fol. 116). Ma' l-att ma gietx annessa pjanta li tidentifika l-porzjon raba' li kien qieghed jixtri l-konvenut minghand Frank Attard. Dan il-kuntratt hu ezempju klassiku tar-rwol importanti li ghandhom in-nutara fit-thejjija tal-kuntratti u sabiex jizguraw li dak li jinghad fil-kuntratt hu mera tal-volonta' tal-partijiet. Id-deskrizzjoni li nghatat fil-kuntratt hi fjakka u m'hijiex bizzejjed ghal fini ta' identifikazzjoni tal-art. Fil-fehma tal-qorti n-nutar kellu jinsisti mal-partijiet li jipprovdu pjanta li tidentifika l-art oggett tal-kuntratt, liema pjanta kellha tigi annessa mal-kuntratt ta' bejgh. Il-kwistjonijiet kollha li nqalghu matul is-snin facilment kienu jigu evitati kieku n-nutar insista li ssir pjanta *to scale* li tidentifika l-art u tigi annessa ma' l-istess att.

"Mill-provi rrizulta wkoll li Frank Attard kellu kwistjoni mal-familja Galea li kienu xtraw porzjon mill-art ta' Taqsis, limiti tal-Munxar, Ghawdex minghandu u li skond il-kuntratt li ghamel il-konvenut fit-8 ta' Gunju 1974 (fol. 116) tikkonfina ma' l-art tal-familja Galea. F'dan ir-rigward kien hemm kawza fl-ismijiet **Joseph Galea et vs Francesco sive Frank Attard et** (Cit. nru: 96/1994). F'dak il-kaz ukoll kien hemm kwistjoni dwar l-identifikazzjoni ta' l-art li kienu xtraw il-familja Galea.

"2. Skond l-Artikolu 534 tal-Kodici Civili:

**534.** Kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' ħaġa immobbli, jew ta' universalità ta' ħwejjeġ mobbli, jiġi mmolestat f'dak il-pussess, jista', fi żmien sena mill-molestja, jitlob li jinżamm f'dak il-pussess, basta li ma jkunx ħa b'idejh dak il-pussess mingħand il-konvenut bi vjolenza jew bil-moħbi, jew ma jkunx kiseb mingħandu dak il-pussess b'titolu prekarju.

"L-elementi ta' din l-azzjoni huma:-

"(a) Il-pussess, li ma jridx ikun ittiehed minghand il-konvenut bi vjolenza jew bil-mohbi u li jrid ikun *animo domini* (f'dan il-kuntest ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Carmen Dalli et vs Anthony Laferla** deciza fis-6 ta' Ottubru 1999);

"(b) Il-molestja li jistghu jkunu ta' fatt jew ta' dritt. Din ta' l-ahhar tikkonkretizza ruhha f'kazijiet ta' kontestazzjoni (gudizzjali jew extra-gudizzjali) li jsiru kontra l-pussess ta' l-attur;

"(c) L-azzjoni trid issir fi zmien sena minn meta ssehh il-molestja.

"3. B'riferenza ghat-tieni eccezzjoni, irrizulta li l-konvenuta Cynthia Mercieca, mart il-konvenut Kevin Mercieca, ma kenitx involuta f'dan il-kaz. Mhux l-istess jista' jinghad fir-rigward ta' Kevin Mercieca li kien qieghed jassisti lil missieru (il-konvenut Francis Mercieca) fil-progett li kellhom ghall-izvilupp ta' l-art. Il-qorti m'ghandix dubju dwar il-partecipazzjoni ta' Kevin Mercieca, jekk kellha tasal ghal konkluzjoni li f'dan il-kaz hemm l-elementi kollha mehtiega sabiex tirnexxi l-azzjoni possessorja li ghamlu l-atturi.

"4. Mill-provi rrizulta kif l-atturi ma kienux jigu nfurmati b'dak li kien jaghmel l-awtur taghhom Frank Attard. Hekk per ezempju kkonfermaw li ma kienux inghataw dettalji dwar il-kawza fl-ismijiet **Joseph Galea et vs Francesco sive Frank Attard et** (Cit. nru: 96/1994) li eventwalment giet ceduta mill-atturi. Il-konvenuti Francis u Salvina konjugi Attard kienu pprezentaw applikazzjoni (numru 1797/2006) fir-Registru ta' l-Artijiet sabiex

jinghataw certifikat ta' titolu fir-rigward tal-porzjon art meritu tal-kawza. Fuq din il-porzjon art kienet saret kawzjoni minn Frank Attard (LRCG 20/05) b'riferenza ghall-applikazzjoni li ghamlu l-familja Galea. Irrizulta kif **fil-21 ta' Mejju 2007** l-istess Frank Attard kien ikkancella din il-kawzjoni minghajr ebda rizerva; *"Partial cancellation of caution LRCG 20/05 inscribed over the plot of land tat-Taqis limits of Munxar, Gozo, only in so far as it overlaps on LRAG 1797/06....Otherwise the caution is to be retained firm, and unimpaired."* (fol. 207). Dikjarazzjoni li giet iffirmata minnu fl-ufficcju tar-Registru ta' l-Artijiet; *"....nispjega li jiena kont akkumpanjajt lil missier il-mara fl-ufficju tar-Registru tal-Artijiet xi sentejn ilu. Missier il-mara kien qalli ili kellu appuntament ma' Francis Attard f'dan l-ufficcju u kien missier il-mara li talabni biex nakkumpanjah. Dakinhar ma kien hemm l-ebda argumenti bejn Francis Attard u missier il-mara. Ghadni niftakar lil Francis Attard, anzi ghadni qieghed niftakru jiffirma quddiemi biex titnehha l-caution......Wara li kien iffirma Francis Attard ma kellna l-ebda kwistjonijiet ma' Francis Attard"* (xhieda ta' Mario Camilleri li nghatat fit-12 ta' Dicembru 2008). Il-qorti hi tal-fehma li fuq bazi ta' probabilita' Francis Attard kien irtira l-kawzjoni ghaliex f'dak iz-zmien kien accetta li l-art kienet proprjeta' tal-konjugi Mercieca, u li wkoll ma kellux pussess ta' l-art. Sussegwentement f'Ottubru 2007 inhareg certifikat ta' titolu favur il-konvenut Francis Mercieca (fol. 209). Il-qorti ma tista' tara l-ebda raguni ohra ghalfejn fil-prezenza tal-konvenuti Francis Mercieca u Mario Carmilleri, Attard kien irtira l-kawzjoni **biss** fuq il-porzjon art meritu ta' din il-kawza u zamma ferma ghal kumplament. Ghalkemm hu minnu li kien baghat ittra ta' oggezzjoni meta l-konvenuti kienu originarjament applikaw ghall-permess ta' zvilupp fuq l-art[1], dan kien kwazi sentejn qabel li rtira l-kawzjoni li kien ghamel fuq din il-porzjon art. Ir-raguni tghidlek li fil-21 ta' Mejju 2007 Francis Attard ma kienx ser ihassar il-kawzjoni limitatament fir-rigward ta' l-art in kwistjoni jekk

[1] Ara ittra legali datata 1 ta' Gunju 2005 a fol. 231, *"it would appear that the above mentioned Samwel Formosa has applied on behalf of Francis Mercieca of Villa Mercieca, Triq Ras il-Bajjada, Munxar, Gozo, to build on land which belongs to my client. I therefore advise you to investigate the area on which the proposed development is being requested and to compare the title deeds."*.

kien ghadu jinsisti li l-art hi proprjeta' tieghu. F'kull kaz, ukoll jekk **ghall-grazzja ta' l-argument biss** wiehed kellu jghid li Attard kellu, f'dak iz-zmien, il-pussess materjali ta' l-art certament li f'dak l-istadju ma baqax pussess *animo domini*; *"Ai fini del mantenimento del potere di fatto, non occorre da parte del possessore l'esplicazione di continui e concreti atti di fruizione e di possesso sulla cosa, ma e' sufficiente che questa, anche in relazione alla sua particolare destinazione, possa continuare a considerarsi rimasta nella virtuale disponibilita',* ***salvo che non risulti esteriorizzato, attraverso chiari ed inequivocici segni, l'animus derelinquendi****."* (*Il Possesso*, Maurizio de Tilla, Giuffre' Editore 2005 pagna 11). Il-qorti tkompli ssahhah il-fehma taghha meta tikkunsidra dak li xehed Francis Attard fil-kawza **Joseph Galea et vs Francesco sive Frank Attard et** (Cit. nru: 96/1994) xahar qabel (seduta tal-24 ta' April 2007 li saret quddiem l-Assistent Gudizzjarju, ara fol. 165-166), meta fuq domandi ta' l-avukat tal-konjugi Mercieca kkonferma li:-

"a. Kien il-konvenut Francis Mercieca li ghazel il-porzjon art, ghaliex riedha vicin id-dar tieghu sabiex ikun jista' jghaddi ghaliha;

"b. L-art li giet trasferita lil Francis Mercieca kienet dik li giet immarkata b'zewg sinjali biz-zebgha mill-istess Mercieca. Mill-provi rrizulta li fuq il-parti ta' wara tal-hajt divizorju (in-naha tal-punent) Francis Mercieca kien ghamel zewg sinjali biz-zebgha kulur iswed.

"Minn din id-deposizzjoni pjuttost jirrizulta li Attard ma kienx qieghed jikkontesta fejn kienet tinsab l-art oggett tal-kuntratt ta' akkwist tal-konvenuti Mercieca (8 ta' Gunju 1974 atti nutar Dr Joseph Spiteri), imma li ma kellhomx dritt ghaliha ghaliex din kienet giet trasferita lilhom bil-kundizzjoni li Francis Mercieca igiblu permess ta' zvilupp

"5. Il-qorti hi tal-fehma li l-atturi ma rnexxielhomx jaghtu prova li kellhom pussess; *"Dan il-pussess huwa certament rekwizit essenzjali ta' din l-azzjoni; u ghad li l-ligi taghna tghid illi l-pussess manutenibbli b'din l-azzjoni hu 'ta' liema xorta jkun', hu x'inhu, sewwa jew vizzjat, l-*

*azzjoni minghajr dan il-pussess, li hu l-qofol u l-bazi taghha, ma hix ezercibbli."* (**Gracie Agius vs Angiolina Cutajar** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Civili) fit-13 ta' Frar 1959, Vol. XLIII.i.97). Paul Vella xehed li wara li kien izzewweg lil Cornelia Attard, bint Francis Attard, kien beda jzomm karru u ziemel fl-art. Il-qorti m'hijiex moralment konvinta li tressqu provi sodisfacenti li bejn it-3 ta' Gunju 2007 u 3 ta' Gunju 2008 (data tal-prezentata tal-kawza) iz-ziemel u karru kienu qeghdin jinzammu fl-art in kwistjoni, tant li Joseph Vella xehed[2]: *"Matul is-sena elfejn u sebgha (2007) ma kienx hemm hadd illi qed jaghmel uzu minnha din l-art. Iz-ziemel ma kienx ghadu hemmhekk.....It-tinda ma ghadhiex hemmhekk. Forsi ilha xi sentejn li tnehhiet. Ma regghetx saret fuq il-post din it-tinda."* (fol. 94). Paul Vella m'huwiex parti ghal dan il-prosediment. Mid-deposizzjoni tal-avukat ta' l-atturi jirrizulta li meta kien sar l-access fil-kawza **Joseph Galea et vs Francesco sive Frank Attard et** (Cit. nru: 96/1994), kien jidher li l-art ma tinhadimx. Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-atturi li l-art in kwistjoni kienet f'idejn *".....Francis Attard u wara l-mewt tieghu, f'idejn itfal tieghu."* (fol. 249[3]). Ghalkemm jargumentaw li *".... ma jista' qatt jinghad li l-konvenuti kellhom il-pussess ta' din l-art...."*, il-konvenuti m'ghandhomx l-oneru li jaghtu prova li l-art kienet fil-pussess taghhom. F'azzjoni possessorja l-oneru tal-prova ta' pussess hu fuq l-atturi. Inoltre, minkejja li jirrizulta li l-art in kwistjoni kienet tifforma parti minn territorju ikbar li Francis Attard kien xtara b'att fl-atti tan-nutar Joseph Spiteri tal-14 ta' Gunju 1973, b'daqshekk ma jfissirx li l-art meritu tal-kawza kienet ghadha proprjeta' tieghu.

"Ghal dawn il-motivi:

"(a). Tilqa' t-tieni eccezzjoni fil-konfront ta' Cynthia Mercieca u ghalhekk tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, izda tichad l-eccezzjoni fir-rigward tal-konvenut Kevin Mercieca.

[2] Seduta tat-12 ta' Novembru 2008 (fol. 93).
[3] Nota ta' sottomissjonijiet prezentata fl-4 ta' Marzu 2009.

"(b). Tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti u tichad it-talbiet kollha ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom."

**<u>Rikors tal-appell tar-rikorrenti appellanti</u>:**

Ir-rikorrenti appellanti ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha.

L-aggravju tagħhom jikkonsisti fis-segwenti:

1) L-ewwel Qorti ammettiet li d-deskrizzjoni li ngħatat fil-kuntratt tal-akkwist hija waħda fjakka u mhix biżżejjed għall-fini tal-identifikazzjoni tal-art. Għalhekk l-art li suppost akkwistaw l-intimati ma kienet qatt identifikata u "*in pari turpitudinem melior est condictio possidentis*".

2) Jekk wieħed jifhem sew il-provi jsib li ma kienet qatt l-intenzjoni tal-partijiet fuq il-kuntratt tal-1974 li jidentifikaw l-art li kienet qegħdha tiġi trasferita u dan għaliex:

i) Dak iż-żmien ma kienx hemm pjanti ta' żvilupp la għat-territorju kollu u lanqas għall-art inkwistjoni;

ii) Dak iż-żmien ma kienx hemm permessi ta' bini u wieħed ma jistax jidentifika plot għall-bini qabel ma jkun jaf l-estenzjonijiet tal-iżvilupp;

iii) Il-pjan regolatur f'dawk l-inħawi u t-toroq li fuqhom suppost kellha tiġi tiffronteġġja l-art tal-intimati inbidlu xi għaxar darbiet. Il-partijiet kienu konxji tal-fatt li fuq l-att tal-1974 kienu qed jittrasferixxu biċċa art li kienet għadha ma ġietx identifikata. Iżda li kellu jkollha faċċata fuq triq. Ma kien għalhekk fl-interess ta' ħadd mill-partijiet li l-art tiġi identifikata f'dak l-istadju;

iv) L-anqas l-istess intimati ma riedu li tiġi identifikata f'dak l-istadju għaliex huma dejjem qalu li tagħhom iriduha wara d-dar tagħhom li kellhom f'dawk l-inħawi, iżda fronteġġjanti triq differenti u allura kien ferm

konvenjenti għalihom li jistennew l-iżvolġiment marbut ma’ kull proċess li jirrigwarda l-ottjeniment tal-permessi relattivi għall-iżvilupp.

3) L-ewwel Qorti skartat il-provi u nsiet li fuq l-istess art kien hemm pretensjonijiet oħra ta’ terzi li huma wkoll kienu qed jippretendu li ġiet trasferita lilhom b’att ieħor ta’ trasferiment.

4) L-ewwel Qorti spjegat tajjeb ir-rekwiżiti tal-pussess għall-finijiet tal-Artikolu 534 tal-Kodiċi Ċivili. Li hemm ċert żgur hu li l-pussess tal-art kien ta’ Francis Attard.

5) L-ewwel Qorti qalet li “*fuq bażi ta’ probabbilita*`” Francis Attard kien irtira l-kawzjoni għaliex f’dak iż-żmien kien aċċetta li l-art kienet proprjeta` tal-konjuġi Mercieca u li ma kellux pussess. Jekk il-pussess ma jiġix pruvat b’ċertezza minn min qed jallegah il-Qorti kellha taqa’ u taċċetta l-pussess li żgur kien ċert.
Indirettament l-ewwel Qorti qed taċċetta li kien hemm kontestazzjoni da parti ta’ Francis Attard għall-pretensjoni tal-intimati tal-inqas sal-mument tat-tneħħija tal-kawzjoni. Li nsiet l-ewwel Qorti kien:

a) Iċ-ċirkostanzi fir-rigward it-tneħħija tal-kawzjonijiet huma ferm suspettużi, u l-ewwel Qorti messha ħadet in konsiderazzjoni fatturi bħall-fatt li l-intimati ma bdewx iħammlu hekk kif ġabu l-permessi, iżda wara li miet Frank Attard;

b) It-tneħħija tal-kawzjoni ma saritx *in vacuuo* iżda fi żmien meta Francis Attard kien qed jiġi ttorpedinat minn żewġ persuni differenti fuq l-istess art, u r-raġuni għalfejn huwa rtira l-kawzjoni ma kinitx neċessarjament marbuta mal-kwistjoni tal-pussess;

c) It-tneħħija tal-kawzjoni ma setgħet qatt tiġi interpretata li tat lill-intimati l-pussess rikjest taħt l-Artikolu 534.

6) L-ewwel Qorti naqset li tqis konsiderazzjonijiet oħra:

a) Il-pussess ma jgħaddix mal-att tat-trasferiment iżda meta l-partijiet jidentifikaw *in situ* l-konfini tal-art trasferita.

b) Il-fatt li f'xi żmien l-art kienet żdingata u ma tinħadimx ma jfissirx li saret *res derelicta* jew *res nullius*.

c) Il-mankanza ta' prova ta' pussess da parti tal-intimati timmilita kontra tagħhom f'sitwazzjoni meta tul id-diversi snin il-pretensjoni kienet qegħdha tiġi kontestata u meta ma hemmx dubbju min kellu l-pussess oriġinali, u cioe` l-awtur tal-atturi.

**<u>Risposta tal-appell tal-intimati appellati</u>:**

L-intimati appellati wieġbu biex juru għaliex is-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma. Huma rrispondew għall-punti sollevati mill-appellanti fir-rikors tagħhom bl-istess sekwenza.

1) L-art trasferita kienet waħda partikolari u ma kienx hemm nuqqas ta' kjarezza dwarha bejn il-partijiet, u konsegwentement Frank Attard ilu mid-data tal-istess kuntratt li żvesta ruħu mill-pussess legali tagħha.

2) Mhux minnu li l-kontraenti riedu jħallu xi deskrizzjoni vaga jew li ma kienux jafu x'kien qed jiġi trasferit bejniethom. Jekk ma annettewx pjanta ma jfissirx li ttrasferew art mhux identifikata. L-iskużi li jġibu r-rikorrenti għall-fat li skont huma qatt ma saret jew ma kienx hemm interess li l-art tiġi identifikata, ma huma kredibbli xejn u ma jagħmlux sens.

i) Dwar dan il-punt (li ma kienx hemm pjanti ta' żvilupp) l-appellati ma kkummentawx.

ii) L-allegazzjoni li l-kontraenti pposponew l-għażla tal-plot għal wara li jkunu ħarġu l-permessi hija ridikola. Mhux minnu li dak iż-żmien ma kienux joħorġu permessi. Jekk wieħed jaddotta dan ir-raġjonament ikun

ifisser li fl-epoka inkwistjoni ħadd ma kien ikun jaf x'kien ikun qed jiġi trasferit f'kuntratt qabel ma eventwalment joħorġu l-permessi tal-bini.

iii) Mhux veru li għax kien għadu ma ġiex stabbilit fejn kellha tgħaddi t-triq allura ma setgħux ikunu jafu eżattament fejn kien qed jiġi trasferit. Din hija allegazzjoni inveritiera għaliex il-kontraenti kellhom idea fejn kellha tiġi t-triq. It-triq diġa` kienet fiżikament miftuħa. Iċ-ċaqliq tal-linji uffiċjali li sar matul is-snin qatt ma affettwa b'mod sinifikanti l-art inkwistjoni. In oltre l-interess tal-intimat Francis Mercieca kien li jakkwista art li tiġi wara d-dar tiegħu u eventwalment jgħaqqadhom mhux li neċessarjament jixtri art li tagħti fuq triq.

iv) Dak iż-żmien ir-residenza tal-intimati kienet mibnija lesta u l-art ta' Attard retrostanti għaliha kienet biss dik mertu ta' din il-kawża. Għalhekk dakinhar kien diġa` definit li l-art li Frank Attard seta' jittrasferixxi lil Francis Mercieca fuq l-istess kuntratt kienet appuntu dik mertu ta' din il-kawża.

3) Huwa minnu li l-aħwa Galea qatt ma kienu jafu fejn tinsab il-proprjeta` tagħhom fl-inħawi, madanakollu l-appellati qatt ma kellhom inċertezza dwar x'jappartjeni lilhom u fejn kienet tinsab l-art tagħhom. Dwar dan kellhom konvinzjoni assoluta u l-inċertezza tal-aħwa Galea ma tistax tiġi attribwita u mitfugħa fuq l-istess appellati.

4) Fl-*Actio Manutentionis*, għandu jkun ir-rikorrent li jipproduċi provi tal-pussess tiegħu u mhux l-intimat. U fin-nuqqas ta' tali provi ma jistax jitqies li l-azzjoni tiegħu irnexxiet. Fil-każ inkwistjoni r-rikorrenti ma ppruvaw bl-ebda mod l-allegat pussess tagħhom. Sostnew biss li gialadarba Attard kien xi darba s-sid tal-art allura l-punt ta' partenza jew il-preżunzjoni kellha tkun li huwa l-pussessur tagħha. Fi kwalunkwe każ anke kieku baqa' proprjetarju tal-art *de quo*, b'daqshekk ma jfissirx li kien tali pussessur tagħha li seta' jeżerċita l-*Actio Manutentionis* li hija azzjoni pussessorja u ntiża unikament biex tipproteġi l-pussess tal-oġġett.

5) L-ewwel Qorti interpretat korrettement l-irtirar tal-kawzjoni li Francis Attard kien għamel fuq l-art tal-appellati. Meta din il-Qorti tara l-assjem tal-fatti applikabbli kollha quddiemha, li lkoll jindikaw kemm Frank Attard kien jiddikjara u jgħid b'mod ċar li l-art mertu ta' din il-kawża trasferiha lil Francis Mercieca, u tgħaqqad magħhom dak li għamel Attard fir-rigward tal-kawzjoni tiegħu, hija tħossha iktar u iktar konvinta kemm din l-art hija verament proprjeta` tal-appellati u ta' ħadd iktar.

6) Dwar l-konsiderazzjonijiet li skont l-appellanti messha ħadet inkonsiderazzjoni l-ewwel Qorti:

a) Il-partijiet identifikaw l-art *in situ* f'iżjed minn okkażjoni waħda u mal-kuntratt innifsu diġa` kienu jafu fejn kienet tinsab l-art trasferita. Għalhekk il-pussess għadda mal-kuntratt stess u ġie kkonfermat kemm-il darba iktar tard meta l-pożizzjoni tal-art ġiet identifikata u kkonfermata.

b) L-art ilha mill-1974 proprjeta` tagħhom u għalhekk jekk kellha tapplika xi preżunzjoni ta' pussess fir-rigward tas-sid, din kellha tapplika favur tagħhom. Fi kwalunkwe każ, fl-*Actio Manutentionis* mhux il-pussess legali li qed jiġi protett iżda l-pussess effettiv, liema pussess ma ġiex ippruvat f'dan il-każ.

c) Il-pussess effettiv tal-proprjeta` kien f'idejn l-intimati appellati sa minn meta sar it-trasferiment a favur Francis Mercieca, u anke jekk naqsu milli jippreżentaw provi dwar il-pussess tagħhom, b'daqshekk ma jfissirx li l-kawża għandha tintrebaħ mir-rikorrenti appellanti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

L-azzjoni magħmula mir-rikorrenti hija l-*Actio Manutentionis* u tikkonċerna biċċa art magħrufa bħala "Ta' Taqsis" fil-limiti tal-Munxar, Għawdex. Ir-rikorrenti spjegaw li Frank Attard (li miet fis-7 ta' Ottubru 2007 u li tiegħu r-rikorrenti Mary Ann Attard hija armla, u r-rikorrenti l-oħra l-ulied) kien akkwista din l-art mingħand ċertu

Saverio Calleja proprio et nomine permezz ta' kuntratt datat 14 ta' Ġunju 1973, fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Spiteri. Huma għamlu l-azzjoni odjerna għaliex allegatament l-intimati appellati daħlu f'biċċa minn din l-art u ddisturbaw il-pussess li huma kienu jgawdu. L-ewwel Qorti kienet tal-fehma li r-rikorrenti ma rnexxilhomx jagħtu prova li kellhom il-pussess tal-art inkwistjoni u għalhekk ċaħdet it-talbiet kollha tagħhom.

Ir-rikorrenti ħassew ruħhom aggravati b'din id-deċiżjoni; din il-Qorti ser tikkonsidra l-ilmenti tagħhom fl-istess sekwenza.

1) Ir-rikorrenti appellanti jibdew biex jagħmlu riferenza għall-kumment li għamlet l-ewwel Qorti fir-rigward tal-kuntratt tat-8 ta' Ġunju 1974 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Spiteri, li permezz tiegħu l-intimat Francis Mercieca xtara mingħand ir-rikorrent Frank Attard "*biċċa art fabbrikabbli mill-għalqa ta' Taqsis, limit tal-Munxar, ta' Għawdex, tal-kejl ta' wieħed u għoxrin pied faċċata b'mija fond ta' forma rettangolari u tmiss mil-Lvant ma' triq proġettata bla isem, Nofsinhar ma' ġid tal-venditur u Tramuntana ma' ġid ta' Ġuża Galea, libra u franka*." Skont l-intimati appellati l-art mertu ta' din il-kawża ġiet akkwistata permezz ta' dan il-kuntratt ta' trasferiment.

Il-kumment tal-ewwel Qorti kien li din id-deskrizzjoni tal-art "…*hi fjakka u mhux biżżejjed għal fini ta' identifikazzjoni tal-art.*" Ir-rikorrenti appellanti jargumentaw li ladarba l-art li suppost akkwistaw l-intimati appellati ma kienet qatt identifikata, u in vista tal-prinċipju "*in pari turpitudinem melior est condictio possidentis*", il-pussess kien u baqa' dejjem ta' Francis Attard, l-awtur tagħhom, u cioe` l-persuna li ttrasferiet lill-intimat Francis Mercieca.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-raġjonament. Ma jfissirx li għaliex il-biċċa art li xtara Mercieca fl-1974 ġiet deskritta b'mod "fjakk" jew għaliex ma ġietx identifikata fuq pjanta u annessa mal-istess kuntratt isegwi li l-pussess "kien u baqa'" dejjem tal-venditur Frank Attard. L-allegat pussess ta' Frank Attard għandu jirriżulta u mhux jiġi preżunt minħabba l-fatt li fl-1973, sena qabel il-kuntratt ta'

trasferiment li permezz tiegħu huwa biegħ lil Mercieca huwa kellu l-proprjeta` kollha “Ta’ Taqsis”. Anke li kieku kellu jitqies għall-grazzja tal-argument li huwa baqa’ proprjetarju tal-art inkwistjoni, mit-titolu ma jiġix preżunt il-pussess. Huwa mill-pussess li huwa preżunt it-titolu u mhux vice versa.[4] Għalhekk dak li huwa rilevanti għall-finijiet ta’ din l-azzjoni, irrispettivament minn jekk l-art kinitx identifikata fuq il-kuntratt tat-trasferiment b’mod ċar jew le, huwa jekk fil-fatt jirriżultax li Frank Attard jew ħaddieħor f’ismu kellu il-pussess tal-art inkwistjoni. L-allegata molestja tal-pussess seħħet ftit xhur wara l-mewt ta’ Frank Attard u għalhekk jekk huwa kellu l-pussess, dan issokta fl-eredi tiegħu.[5]

2) Ir-rikorrenti appellanti jsostnu wkoll li qatt ma kienet l-intenzjoni tal-partijiet li l-art tiġi indikata fuq il-kuntratt tat-trasferiment tal-1974, u dan għaliex la kien hemm pjanti ta’ żvilupp, la permessi ta’ bini, u lanqas informazzjoni dwar minn fejn kellha tgħaddi t-triq (u l-art trasferita kellha faċċata fuq triq). Iżidu jgħidu li kien iktar konvenjenti għall-intimati appellati stess li jistennew l-iżvolġiment marbut ma’ kull proċess rigwardanti l-ottjeniment tal-permessi tal-iżvilupp għaliex huma dejjem qalu li l-art riduha wara d-dar tagħhom iżda fronteġġjanti triq differenti.

Din il-Qorti ma tarax li hu l-każ li toqgħod teżamina jekk kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li l-art li kienet qegħdha tiġi trasferita bil-kuntratt tal-1974 tiġi identifikata. Irrispettivament minn jekk kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li l-art tiġi indentifikata fuq il-kuntratt jew le, jerġa’ jiġi enfasizzat li dak li jrid jiġi stabbilit għall-finijiet ta’ din l-*Actio Manutentionis* huwa jekk kienx hemm il-pussess fuq l-art inkwistjoni da parti ta’ Frank Attard jew da parti ta’ min għamel il-kawża.

---

[4] Art. 525(1): “Il-preżunzjoni hija dejjem li kull persuna tippossjedi għaliha nfisha, u b’titolu ta’ proprjeta`, meta ma jiġix ippruvat li hija bdiet tippossjedi f’isem ta’ persuna oħra.”

[5] Art. 524(2): “Persuna tista’ tippossjedi bil-mezz ta’ ħaddieħor illi jżomm il-ħaġa jew jeżerċita l-jedd fl-isem ta’ dik il-persuna.”

Art. 530(1): “Il-pussess jissokta b’jedd fil-persuna tas-suċċessur b’titolu universali”.

3) Ir-rikorrenti appellati jirreferu wkoll għal dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti fejn saret riferenza għall-kwistjoni li Frank Attard kellu mal-familja Galea, li kienu xtraw porzjon art minn Ta' Taqsis mingħandu. Skont il-kuntratt tal-1974 l-art li xtara l-intimat Francis Mercieca, kienet tikkonfina mit-Tramuntana mal-ġid ta' Galea. Kienet infetħet kawża **Joseph Galea et v. Francesco sive Frank Attard** (Cit. Nru 96/1994) dwar l-identifikazzjoni tal-art li kienu xtraw il-familja Galea.

Huma jargumentaw li kien hemm ħafna *overlapping* ta' plots u ħadd ma kien jaf l-art tiegħu fejn kienet, u f'sitwazzjoni bħal din, bit-taħwid u l-kunflitt kollu li kien hemm, il-pussess allura baqa' ta' Frank Attard u issa tar-rikorrenti suċċessuri tiegħu. Dan huwa argument ieħor li fih innifsu ma jippruvax li Frank Attard jew l-eredi tiegħu kellhom fil-fatt il-pussess tal-art mertu tal-każ inkwistjoni fiż-żmien tal-allegata molestja. F'azzjoni possessorja l-pussess m'għandux jiġi preżunt: la mill-eżistenza tat-titolu ta' min qed jipproponi l-azzjoni u wisq anqas min-nuqqas tal-eżistenza tat-titolu ta' min kontrih saret l-azzjoni.

4) Ir-rikorrenti appellanti jargumentaw li għalkemm l-ewwel Qorti spjegat tajjeb ir-rekwiżiti tal-pussess għall-finijiet tal-Artikolu 534 tal-Kodiċi Ċivili, jirriżulta fiċ-ċert li l-pussess tal-art kien ta' Frank Attard. Din il-Qorti pero` tibqa' ma taqbilx mal-mod ta' kif huma jaslu għall-konklużjoni li l-pussess tal-art kien ta' Frank Attard. Kif irrilevaw l-intimati appellati, huma sempliċiment sostnew li għaliex Frank Attard kien sid tagħha, allura l-punt ta' partenza jew il-preżunzjoni kellha tkun li huwa l-pussessur tagħha. Pero` kif komplew jispjegaw, anke kieku Frank Attard baqa' s-sid tal-art inkwistjoni, ma jfissirx neċessarjament li huwa kellu l-pussess tagħha. L-*Actio Manutentionis* hija azzjoni pussessorja intiża biex tipproteġi lil min igawdi l-pussess, irrispettivament minn jekk għandux titolu ta' proprjeta` fuqha jew le.

5) Ir-rikorrenti appellanti jilmentaw mill-fatt li l-ewwel Qorti kienet tal-fehma li "fuq bażi ta' probabbilita`" Frank Attard kien irtira l-kawzjoni għaliex f'dak iż-żmien

kien aċċetta li l-art kienet tal-proprjeta` ta' Mercieca u li ma kellux pussess tal-art. Jargumentaw li mhux leċitu li ġudikant jiddeċiedi kwistjoni ta' pussess fuq bażi ta' probabbilita` u jsostnu li jekk il-pussess ma ġiex pruvat biċ-ċert minn min qed jallegah il-Qorti kellha taqa' u taċċetta l-pussess li żgur kien ċert.

Effettivament pero` dan huwa dak li għamlet il-Qorti. Huwa min jintavola l-*Actio Manutentionis* li jkun qed jallega li għandu l-pussess u sta għalih li jippruvah. L-ewwel Qorti kienet tal-fehma li r-rikorrenti ma rnexxilhomx jippruvaw dan l-element tal-pussess, la biċ-ċert u lanqas fuq bażi ta' probabbilita`. Kif issottolinejat l-ewwel Qorti, huma r-rikorrenti appellanti li kellhom l-oneru li jippruvaw li l-art kienet fil-pussess tagħhom u mhux vice versa. Huma r-rikorrenti li qed jallegaw il-pussess f'kawża bħal din u mhux l-intimati appellati.

Ir-rikorrenti appellanti jibqgħu jsostnu li l-unika ħaġa li kienet ċerta kienet li l-proprjeta` kollha tat-territorju Ta' Taqsis kienet fil-pussess ta' Frank Attard. Fil-fehma ta' din il-Qorti, anke kieku kellu jitqies li r-rikorrenti appellanti taw prova sodisfaċenti li tindika li l-awtur tagħhom Frank Attard kellu pussess fuq l-art inkwistjoni, jirriżultaw ċirkostanzi li jippruvaw li sa ftit xhur qabel l-allegata molestja dan ma baqax jissussisti.

i) Il-verżjonijiet tal-partijiet dwar il-pussess ta' Frank Attard:

L-intimat appellat Francis Mercieca xehed li huwa dejjem żamm din il-biċċa art taħt għajnejh. "*Qatt ma rajt lil xi ħadd jużaha għax kieku kont inkeċċih. Din l-art tidher sewwa mid-dar tiegħi. L-uniku attivita` li rajt ħdejn din l-għalqa hi li fil-plot li kien baqagħlu Francis Attard bejn id-dar tiegħi u d-dar ta' Joe Vella, għax kien hemm xi ħadd li ġieli pparkja karru ta' żiemel fiha. Ġieli rajt ukoll serkin taż-żiemel irbulat mal-ħajt ta' Joe Vella.*"

Min-naħa l-oħra, diversi xhieda tar-rikorrenti appellanti xehdu li Paul Vella, li kien miżżewweġ lil Cornelia Attard, bint Frank Attard, kellu żiemel u kien iżomm liż-żiemel, il-

karru u s-serkin proprju fl-art inkwistjoni. Xehdu wkoll li kien jaħdem l-art. Hemm imbagħad ix-xhieda ta' Joseph Vella li jgħid li proprju matul is-sena 2007 ma kien hemm ħadd li kien jagħmel użu mill-art. Għalkemm xehed li fil-passat effettivament jiftakar li kien hemm tinda taż-żingu li fiha kien ikun hemm żiemel darbtejn jew tlieta fil-ġimgħa, osserva li t-tinda kienet tneħħiet u ma reġgħetx tqedgħet fuq il-post. Xehed ukoll li għalkemm darba dan Paul Vella ħadem parti żgħira minn din l-art, ma kompliex jaħdimha. Dr. Alfred Grech, li kien l-avukat ta' Frank Attard, xehed li meta kien sar l-aċċess fil-kawża **Joseph Galea et v. Francesco sive Frank Attard et** (96/1994) "*Il-parti tal-art fejn Francis Mercieca qal illi hija tiegħu ma kinitx maħduma*."

Għalhekk fiż-żmien tal-allegata molestja (2007) ma jirriżultax li Frank Attard jew ir-rikorrenti kienu qed jagħmlu użu tal-art inkwistjoni. Huwa pero` mgħallem li l-pussess ma jintilifx bl-inerzja tal-possessur biss iżda bil-pussess ta' ħaddieħor jew bl-abbandun volontarju. Għalhekk kieku din il-Qorti kellha tiskarta l-verżjoni tal-intimati u toqgħod fuq il-verżjoni tar-rikorrenti u cioe` li Frank Attard jew persuni oħra f'ismu kienu jagħmlu użu tal-art inkwistjoni, bil-fatt biss li ma baqgħux jagħmlu użu tal-art inkwistjoni ma jfissirx li l-pussess intilef.[6] Fil-każ inkwistjoni pero`, huwa sinifikanti ħafna l-irtirar tal-kawzjoni da parti ta' Frank Cassar għaliex fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa att li jindika abbandun volontarju tal-pussess, jekk pussess da parti tiegħu kien hemm.

---

[6] Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Alfredo Cachia Zammit et v. Raffaele Barbara, 27.11.1959,** tagħmel is-segwenti referenzi fuq il-konservazzjoni tal-pussess:

"...kif josserva Baudry,...'*il possesso legale d' un immobile, una volta acquistato si conserva colla sola intemzone del possessore, per tutto il tempo nel quale non ha subito interruzione proveniente da un terzo o finche` non sia stato volontariamente abbandonato*.'

U l-istess awtur, fuq l-awtorita` tal-Pothier, ikompli jinnota illi '*per conservare il possesso non e` necessario avere una volonta` positiva di ritenerlo, basta che la volonta` di possedere non sia stata revocata da una volonta` contraria; perche` non e` stata revocata da una volonta` contraria, si considera sempre che perserveri'*

… kif osservat il-Qorti tal-Appell fil-kawża **Cassar v. Mamo Trevisan**, deċiża fl-4 ta' Diċembru 1879, fuq l-awtorita` ta' Troplong, '*il possesso originario, una volta fissato, si perpetua indefinitamente sino a tanto che non e` esposto ad atti indubitati ed importanti una rinunzja dello stesso possesso*' (Kollez VIII, paġ 90 in princ col 2da)."

ii) L-irtirar tal-kawzjoni u l-effett tagħha fuq il-pussess li seta' kellu Frank Attard:

Kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti, il-fatt li Frank Attard fil-preżenza ta' Francis Mercieca u Mario Camilleri (ir-raġel ta' bint Francis Mercieca) rtira l-kawzjoni li kien għamel fir-rigward tal-applikazzjoni li l-intimati Mercieca kienu ppreżentaw fir-Reġistru tal-Artijiet sabiex jingħataw ċertifikat ta' titolu fir-rigward tal-porzjon art mertu tal-kawża, hija indikazzjoni li huwa kien aċċetta li l-art kienet tal-konjuġi Mercieca u mhux tiegħu. Jekk fl-1 ta' Ġunju 2005 huwa kien oġġezzjona meta l-intimati kienu oriġinarjament applikaw għall-permess tal-iżvilupp fuq l-art għaliex kien qed jinsisti li l-proprjeta` kienet tiegħu, tal-inqas mill-21 ta' Mejju 2007 meta huwa rtira l-kawzjoni, jidher li Attard ma baqax jippretendi li hija tiegħu. Għalhekk, kif qalet l-ewwel Qorti, anke kieku wieħed kellu jaċċetta li Attard kellu l-pussess materjali tal-art, ladarba fil-21 ta' Mejju 2007 huwa rtira l-kawzjoni ċertament li f'dak l-istadju ma baqax jippossjedi *animo domini*. Il-fatt tal-irtirar tal-kawzjoni jimmilita ferm kontra r-rikorrenti fir-rigward ta' din il-prova. L-irtirar tal-kawżjoni huwa indikazzjoni li Frank Attard kien qed jirrikonoxxi li din l-art ma kinitx ser tibqa' disponibbli għalih; huwa indikazzjoni li kien qed jirrinunzja għaliha. Għalkemm wieħed jista' jkollu l-pussess tal-ħaġa mingħajr ma jkollu titolu fuqha, f'dawn iċ-ċirkostanzi tant partikolari ma jistax jingħad li Frank Attard baqa' jippossjedi *animo domini* wara l-21 ta' Mejju 2007. Bl-irtirar tal-kawzjoni Attard wera li kien qed jabbanduna l-pretensjoni li kellu fuq il-proprjeta` inkwistjoni u li kien qed jaċċetta li bħala konsegwenza ta' dan l-att l-istess proprjeta` kienet ser tiġi reġistrata fuq l-intimati. Għalhekk anke jekk qabel l-irtirar tal-kawzjoni kellu jitqies li huwa kellu pussess *animo domini* fuq l-art, wara din id-data żgur li dan ma kienx aktar il-każ.

Ir-rikorrenti appellanti f'dan il-ħames aggravju tagħhom ikomplu jilmentaw fuq is-segwenti punti:

a) Huma jsostnu li l-ewwel Qorti messha ħadet inkonsiderazzjoni fatturi bħall-fatt li l-intimati ma bdewx

iħammlu hekk kif ġabu l-permessi, iżda wara li miet Frank Attard. Skont it-"*timeline*" esebita minn Kevin Mercieca[7], Frank Attard miet fis-7 ta' Ottubru 2007 u t-tħammil beda fil-5 ta' Diċembru 2007, jiġifieri xahrejn wara. Pero` dan il-fatt fih innifsu huwa ċirkostanzjali u ma jfisser xejn. Jista' min-naħa l-oħra jiġi argumentat li l-intimati appellati bdew iħammlu seba' xhur wara li tneħħiet il-kawzjoni (fil-21 ta' Mejju 2007).

b) Isemmu wkoll li t-tneħħija tal-kawzjoni ma saritx *in vacuuo* iżda fi żmien meta Francis Attard kien qed jiġi ttorpedinat minn żewġ persuni differenti fuq l-istess art, u r-raġuni għalfejn huwa rtira l-kawzjoni ma kinitx neċessarjament marbuta mal-kwistjoni tal-pussess. Saritx *in vacuuo* jew le, jibqa' l-fatt li saret, u din il-Qorti taqbel li hija indikazzjoni sostanzjalment ċara li Attard, sentejn biss qabel kien qed isostni li l-art fejn riedu jibnu l-intimati kienet tiegħu, issa kien qed jagħraf u jaċċetta li ma kinitx.

c) Ir-rikorrenti apellanti jargumentaw ukoll li t-tneħħija tal-kawzjoni ma setgħet qatt tiġi interpretata li tat lill-intimati l-pussess rikjest mill-Artikolu 534 tal-Kodiċi Ċivili. Pero` dak li donnhom mhux qed jifhmu r-rikorrenti hu li biex tirnexxi din l-azzjoni jrid jiġi ppruvat il-pussess kif rikjest mill-Artikolu 534 da parti tagħhom, li qegħdin jagħmlu l-kawża, u mhux da parti tal-intimati.

6) Finalment ir-rikorrenti appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti naqset li tqis konsiderazzjonijiet oħra:

a) Huma jargumentaw li l-pussess ta' art ma jgħaddix mal-firma tal-att tat-trasferiment iżda meta l-partijiet jidentifikaw *in situ* l-art inkwistjoni. Din il-Qorti tirrileva invece, li l-pussess jeżisti minn meta bniedem effettivament jagħmel atti li jindikaw tali pussess, u dan irrispettivament mill-pretensjonijiet fuq l-art.

b) Jargumentaw ukoll li l-fatt li f'xi żmien l-art ma kinitx tinħadem ma jfissirx li saret xi *res derelicta* jew *res nullius* jew li kulħadd seta' jippretendiha, u fid-dubbju u

[7] Fol. 129

fin-nuqqas ta’ prova kuntrarja l-pussess kien u baqa’ tas-sid oriġinali. Huwa veru li għax biċċa art tkun tidher mitluqa ma jfissirx li kulħadd seta’ jippretendiha, iżda dak li huwa rilevanti għall-azzjoni odjerna mhux jekk xi ħadd kienx qed jippretendi bħala tiegħu art li ma kinitx qegħdha tinħadem, imma jekk min għamel il-kawża kellux pussess fuqha.

c) Jargumentaw fl-aħħarnett li l-mankanza ta’ prova ta’ pussess da parti tal-intimati appellati timmilita kontra tagħhom. Din il-Qorti terġa’ tikkonferma dak li sostniet l-ewwel Qorti u cioe` li huma ma kellhomx l-oneru li jagħtu l-prova li l-art kienet fil-pussess tagħhom. Din l-azzjoni possessorja għamluha r-rikorrenti u għalhekk kien jispetta invece lilhom li jippruvaw li kellhom il-pussess.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell intavolat mir-rikorrenti u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta’ dan l-appell għandhom jitħallsu mill-istess rikorrenti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------